# TRIBUNAL INDUSTRJALI

# DECIZJONI NUMRU 2745

**Kaz Numru 3478/GV**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Katia Fenech (K.I nru 294892M)**

**u**

**Kunsill Lokali Dingli**

*dwar allegazzjoni ta' ngustizzja diskriminatorja*

Illum it-Tlieta 13 ta' Lulju, 2021

**Chairman: Dr. Geoffrey Vella B.A. LL.D**

## Introduzzjoni

Dan il-kaz gie riferut lit-Tribunal Industrijali, kif diversament ippresedut, permezz ta' rikorsipprezentat mill-Avukatessa, Deborah Mifsud Attard ghan-nom tar-rikorrenti, Katia Fenech, fir-Registru Superjuri, fis-17 t'Awwissu 2016. Illi r-rikorrenti qieghda ssostni li sehhet ingustizzja diskriminatorja fil-konfront taghha u dan meta ma thallistx ghal granet ta' *leave* li l-istess rikorrenti ma kinietx hadet u li jammonta ghal mija tlieta u erbghin siegha (143). In oltre, ssostni r-rikorrenti fir-rikors taghha, li dan l-ammont ta' *leave* kien gie approvat mill-Kunsill Lokali ntimat.

Ir-rikorrenti fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha ssostni li hi kien ilha madwar sena u nofs tahdem fil-Kunsill intimat u li ghamlet perjodu twil bhala l-unika skrivana, u ghal din ir-raguni ma setghetx tiehu *leave*. Ir-rikorrenti tghid ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv, li kien ingaggat fuq bazi *part-time,* u ghal din ir-raguni ukoll ma setghetx tiehu *leave*. Ir-rikorrenti ssostni li jekk kienet tiehu *leave* l-Kunsill kien ikollu jaghlaq. Ir-rikorrenti tghid ukoll li l-istess Kunsill kien prova jaqleb il-*leave* li ma kinitex hadet ghal *time in lieu*. Dan it-time in lieu kien gie approvat f'laqgha li saret fis-27 ta' Marzu 2015 izda sussegwentement kien inbidel il-Kunsill u xahar wara r-rikorrenti tat ir-rizenja taghha u dan peress li kellha opportunita' ta' xoghol ohra. Ir-rikorrenti talbet li tithallas ghal dan il-leave li kienet hadet u li minhabba c-cirkostanzi msemmija ma setghetx tiehu. Ir-rikorrenti taghlaq id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha billi tghid li baqghet qatt ma hadet dawn il-flus u li ma nghatawx lilha b'ingustizzja, u dan ghalkemm kien hemm parir tal-awdituri tal-Kunsill intimat sabiex hi tithallas ta' dan il-*leave* li ma kinietx hadet[1].

[1] Dikjarazzjoni tal-Kaz tar-rikorrenti, Katia Fenech, ipprezentat fit-3 ta' Ottubru 2016.

Illi mill-banda l-ohra l-Kunsill Lokali ntimat, u cioe` dak ta’ Had Dingli, permezz ta’ Risposta u Dikjarazzjoni tal-Fatt intavolata mill-avukati Dotoressa Veronique Dalli u Dottor Dean Hili fir-Registru Superjuri fit-30 ta’ Settembru 2016, qieghed jecceppixxi l-preskrizzjoni t’erba’ xhur ai termini ta’ artikolu 30 tal-Kap 452, u dan stante li l-istess decizjoni tal-Kunsill intimat giet ikkomunikata lir-rikorrenti f’Dicembru 2015. In oltre, l-Kunsill intimat jsostni li l-Kunsill Lokali huwa regolat bil-Kapitolu 363, tal-Ligijiet ta’ Malta, u ssir referenza ghall-artikolu 21 tal Ftehim Kollettiv ghall-haddiema klerikali ghal perjodu bejn s-snin elfejn u tnax (2012) u elfejn u sittax (2016), fejn *vacation leave* jkun jista’ jiggedded minn sena ghal ohra billi jkun approvat mill-Kunsill Lokali rispettiv wara li ssir laqgha mall-impjegat/a. Cio nonostante, dan il-*vacation leave* qatt ma ghandu jeccedi l-ammont ta’ tmienja u erbghin (48) siegha u kif ukoll li ma jistax jiggedded ghal aktar minn sentejn.

Fir-Risposta u fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz, il-Kunsill intimat jishaq li t-talba tar-rikorrenti kellha tigi michuda u dan sakemm ma jkunx hemm linji gwida mod iehor u li tippermetti lill-Kunsill Lokali jiddpartixxi mill-procedura stabbilita mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. L-istess Kunsill intimat kien talab direzzjoni tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u li l-Agent Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill Lokali ta’ Had Dingli ta’ dak iz-zmien, is-sur Kevin Borg, u dan fid-dawl tal-fatt li din il-persuna, flimkien mas-Sindku, fihom hija vestita r-rapprezentanza legali. In oltre, dawn il-persuni huma repsonsabbli ghal kull azzjoni li jiehu Kunsill Lokali. Illi ghalhekk il-Kunsill intimat kellu jichad din it-talba tar-rikorrenti, u dan peress li ma gietx segwita l-procedura stabbilita fil-ftehim kollettiv.

Di piu’, l-istess rikorrenti ssostni l-Kunsill intimat fir-risposta tieghu, fl-ebda hin ma ssemmi jew tindika li l-Kunsill intimat agixxa fuq sitwazzjoni simili b’mod differenti. Illi ghalhekk l-allegazzjoni li l-Kunsill intimat ippregudika lir-rikorrenti b’azzjoni diskriminatorja ukoll ma tregix. Illi l-Kunsill intimat qatt ma agixxa ma’ terzi b’mod differenti biex ir-rikorrenti tallega li sehh att diskriminatorju fil-konfront taghha. In oltre, d-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien ikkonferma l-posizzjoni li ha l-Kunsill intimat kienet wahda korretta. Il-Kunsill intimat ghal dawn ir-ragunjiet suriferti talab lit-Tribunal sabiex jichad it-talba tar-rikorrenti.

It-Tribunal, ha konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-kaz u dan kif gie lilu pprezenatat mill-partijiet kontendenti. Illi t-Tribunal zamm tmien (8) seduti b’kollox fejn instemghu x-xhieda mressqa miz-zewg partijiet, u, in oltre, l-istess Tribunal evalwa l-provi mressqa quddiemu flimkien mad-dokumenti pprezentati u n-nota ta’ sotomissjonjiet tar-rikorrenti.

Di piu’, saret trattazzjoni mill-konsulent legali tal-Kunsill intimat, Dottor Dean Hili, mentri r-rikorrenti pprezentat nota ta’ sottomissjonjiet, liema nota giet ipprezentata mill-konsulent legali tar-rikorrenti, Dottor Andrew Grima. It-Tribunal ha in konsiderazzjoni l-istess argumenti kif ipprezentati fit-trattazzjoni finali u fl-imsemmija nota ta’ sottomissjonjiet. In oltre, ma kienx possibbli li dan it-Tribunal jiddeciedi dan il-kaz fi zmien xahar kif stipulat fil-ligi u dan stante l-limitazzjonijiet ta’ facilitajiet amministrattivi, bdil fic-Chairperson u kif ukoll minhabba d-diversi talbiet ta’ differimenti.

Illi, r-rikorrenti kienet assistita mill-Avukatessa Deborah Mifsud Attard, u aktar tard minn Dottor Andrew Grima, mentri l-Kunsill Lokali ta' Had Dingli kien assistit mill-Avukati, Dottoressa Veronique Dalli u Dottor Dean Hili.

## Il-Fatti fil-Qosor tal-Kaz in dezamina.

Illi r-rikorrenti kif gia sar accenn aktar 'l fuq kienet tahdem bhala skrivana mall-Kunsill intimat u damet sena u nofs. Ir-rikorrenti kienet l-unika skrivana fil-Kunsill intimat u ghalhekk kellha problema sabiex tkun tista' tehu l-*vacation leave* li kienet intitolata ghalih. L-istess rikorrenti kienet talbet sabiex dan il-*leave* jinqaleb f'*time in lieu* u kien gie approvat f'laqgha li kienet saret mill-Kunsill intimat. Cio nonostante meta l-Kunsill intimat inbidel u r-rikorrenti kienet tefghet ir-rizenja taghha, hi talbet sabiex tithallas ghal dan il-*leave* li ma kinietx hadet.

It-talba tar-rikorrenti giet michuda mill-Kunsill intimat peress li ma kinitx segwita l-procedura aposita skont il-Ftehim Kollettiv ghall-haddiema klerikali u in oltre l-ammont mitlub mir-rikorrenti jeccedi l-massimu preskritt fil-Ftehim Kollettiv.

## Xhieda Prodotti f'din il-Kwistjoni ta' Xoghol

Illi fis-seduta tas-17 t'Ottubru 2016, fejn il-partijiet skambjaw id-Dikjarazzjonijet tal-Kaz taghhom, u in oltre, l-istess partijiet qablu l-eccezzjoni ta' natura preliminari li t-Tribunal ghandu jisma' x-xhieda fuq il-mertu u jaghti sentenza wahda.

Fis-seduta tal-21 ta' Novembru 2017, fejn xehed is-Sindku ta' dak il-perjodu in kwistjoni, Sandro Azzopardi u kif ukoll Adrian Saliba prodotti mill-Kunsill intimat, fejn gie pprezentat dokument immarkat Dok. 'AM.', ossia l-Ftehim Kollettiv Ghall-Haddiema Klerikali Gewwa l-Kunsill Lokali u Kumitat Regonjali u l-Union Haddiema Maghqudin 2012-2016[2].

Ix-xhud, is-Sindku Sandro Azzopardi, xehed li r-rikorrenti damet tahdem mall-Kunsill mis-sena 2013 sas-sena 2016. Dwar dak li kienet qieghda tilmenta r-rikorrenti, x-xhud sostna li dak li kienet qieghda titlob kien imur kontra r-regolamenti tal-Kunsilli Lokali. In oltre, fis-snin ta' qabel r-rikorrenti qatt ma kienet talbet li jinqalbu ghas-sena ta' wara u dan kif titlob il-ligi. Ix-xhud qal li hu ma kienx seta' jattendi ghal-laqgha li kienet saret fis-27 ta' Marzu 2015. Ix-xhud irrileva ukoll li l-Kunsill intimat kien ghamel zmien minghajr Segreatrju Ezekuttiv u wara li kienet saret pressjoni mad-Direttur tal-Kunsilli Lokali kien gie appuntat Agent Segretarju Ezekuttiv, Kevin Borg. Ix-xhud jghid li kienet din il-persuna, li kien jaf il-ligi tal-Kunsilli Lokali, li ggwida lill-Kunsill kif ghandhom jaghmlu u jressqu dan l-ilment.

Fl-istess seduta xehed ukoll id-Direttur tal-Gvern Lokali ta' dak iz-zmien, Adrian Mifsud. Is-sur Mifsud ghamel referenza ghal-Legislazzjoni Sussidjarja 363.20, u cioe` Regolamenti dawr Rizorsi Umani tal-Kunsilli Lokali u li jekk ikun hemm konflitt ma' xi disposizzjoni tal-Ftehim Kollettiv in

---

[2] Dok. 'A.M. - Ftehim Kollettiv Ghall-Haddiema Klerikali Gewwa l-Kunsill Lokali u Kumitat Regonjali u l-Union Haddiema Maghqudin 2012-2016

vigore, jipprevali l-Ftehim Kollettiv. Ghalhekk dan kollu kien ifisser li l-Ftehim Kollettiv kien jipprevali[3].

L-istess xhud ikompli jispjega li dwar akkumular ta' *vacation leave* li ma kienx jigi utilizzat minhabba l-esigenzi tal-Kunsill dan il-*leave* ta' dik is-sena li ma jkunx gie utilizzat kien jigi akkumulat minn sena ghall-ohra bl-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan kien jista' jsir ghal mhux aktar minn sentejn, u dejjem bl-approvazzjoni tal-Kunsill sa massimu ta' tmenja u erbghin (48) siegha, sostna x-xhud Adrian Mifsud[4].

Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2018, xehed is-sur Sandro Azzopardi, li kien pordott mill-Kunsill intimat u li pprezenta sitt dokumenti li gew immarkati bhala Dok. 'SA1' sa Dok. 'SA6'. In oltre, d-difensur tal-Kunsill intimat iddikjara li l-eghluq tal-provi dwar l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni sollevata mill-Kunsill intimat.

Ix-xhud is-sur Sandro Azzopardi beda biex irrimarka li r-rikorrenti kienet infurmatu li kienet sabet impieg mall-Kunsill tal-Imtarfa, u li l-istess xhud kien talab lir-rikorrenti sabiex tibgahtlu *email* dwar dan[5].

Ix-xhud kompla jixhed fejn qal li f'dan il-perjodu kien hemm Joan Mangion bhala Segretarju Ezekuttiv u kien hu stess li kien baghat il-formula tat-terminazzjoni tar-rikorrenti, u dan ghax skont ix-xhud din setghet tintbaghat minghajr il-firma tal-impjegat. Bhala data ta' terminazzjoni kien hemm id-19 ta' Gunju 2015.

Ix-xhud spjega li f'dak il-perjodu il-Kunsill kien minghajr Segretarju Ezekuttiv u wara diversi diskussjonjiet mad-Dipartiment tal-Kunsilli kien inhatar bhala Agent Segreatrju Ezekuttiv, is-sur Kevin Borg[6].

Ix-xhud jispjega li kienu talbu direzzjoni mid-Diprtiment tal-Gvern Lokali dwar il-hlas mitlub mir-rikorrenti, u kienu nfurmati mis-Segretarju li dak li kien sar kien kontra l-ligi. Ix-xhud qal li s-Segretarju kien baghat *email* lill-avukat tar-rikorrent, fl-ewwel ta' Dicembru 2015.

Fl-istess seduta xehed ukoll is-sur Shawn Tanti ikkonferma li d-dokumenti prezentati u kif ukoll li kien iffirmahom hu, u cioe` l-vera kopja tad-dokumenti msemmija. Ikkonferma ukoll l-*emails* kien baghat is-Sindku u li kkonferma l-firma tieghu fuq dan l-*emails*[7].

Fis-seduta tal-24 t'April 2018 xehdet ir-rikorrenti Katia Fenech fejn qalet li l-ahhar darba li kienu tkellmu dwar il-kaz taghha kien fl-ahhar tas-sena 2015 fl-ufficcju tad-Direttur, il-Belt Valletta. Ir-rikorrenti tghid li hi kienet baqghet bla risposta u dan ghalkemm kienet ghamlet diversi telefonti

---

[3] Xiehda ta' Adrian Mifsud, seduta tal-21 ta' Novembru 2017, pagna 4 tat-traskrizzjoni.
[4] Ibid pagna 5 tat-traskrizzjoni.
[5] Xiehda ta' Sandro Azzopardi, seduta tat-13 ta' Frar 2018, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[6] Ibid.
[7] Xiehda ta' Shawn Tanti, seduta tat-13 ta' Frar 2018, pagna 4 tat-traskrizzjoni.

u kif ukoll korrispondenza. Ir-rikorrenti tishaq li qatt ma kienet ingahtat decizjoni dwar il-kwistjoni taghha. Ix-xhud tghid li din il-kwistjoni qatt ma kienet finalizzata[8].

Fl-istess seduta xehdet Sa Venera Mifsud u li kienet tokkupa l-kariga ta' Sindku bejn Marzu 2013 sa April 2015. Din ix-xhud spjegat li r-rikorrenti kienet impjegata mall-Kunsill ta' Had Dingli f' Awwissu 2013, u li f'dak il-perjodu l-Kunsill ma kellux Segretarju Ezekuttiv, kien hemm Deputat Segretarju. Kien hemm nuqqas ta' *staff* sostniet ix-xhud. Ix-xhud tghid li kien hemm persuni ohra li ukoll ma kienux baqghu mpjegati mall-Kunsill u b'hekk ir-rikorrenti spiccat wahediha bhala *staff* flimkien mad-Deputat Segretarju, u li dan ma kienx impjegat *full time*[9].

Ix-xhud sostniet li peress li r-rikorrenti kienet hi biss skrivana, x-xoghol klerikali kien waqa' fuqha kollu. Fi Frar ir-rikorrenti kelllha bzonn tiehu xi *leave* peress li kellha bzonn issiefer, u x-xhud tghid li kienet qaltilha sabiex ma titlifx is-safra. Sakemm ir-rikorrenti damet imsiefra Rachel Powell kienet offriet volontarjament li taghmel ix-xoghol klerikali hi.

Ix-xhud tghid li r-rikorrenti ma setghetx tiehu aktar *leave* u dan ghaliex ma kien hemm hadd aktar u jekk ma jkunx hemm ir-rikorrenti kien ikollhom jaghlqu l-Kunsill. Ix-xhud tghid li r-rikorrenti kienet fehmet li ma setghetx tiehu *leave* u dan minhabba li jekk ma tkunx hemm il-Kunsill kien ikollu jaghlaq l-ufficini tieghu. Ix-xhud tghid li kulhadd kien konxju ta' din is-sitwazzjoni nkluz is-Sindku prezenti, u li dak iz-zmien kien Kunsillier fl-istess Kunsill.

Din ix-xhud, ossia l-ex Sindku, Sa Venera Micallef, sostniet li f'dak il-perjodu kien hemm problema kbira minhabba nuqqas ta' *staff* u sahansitra hi stess kienet tibqa' sad-9.00 ta' fil-ghaxija taghmel xoghol klerikali biex ilahhqu mall-*paperwork*. Ix-xhud tishaq li s-Segretarju Ezekuttiv kien inbidel u kienet giet Ms. Joan Mangion, u kif ukoll kien hemm persuna li kien impjegat tal-LEAP. F'dan il-perjodu ir-rikorrenti kienet hadet xi granet ta' *leave* u dan kien f'Marzu.

Dwar it-talba tar-rikorrenti sabiex il-*leave* li kellha jinqaleb *time-off*, ix-xhud tghid li dan kien gie approvat fil-laqgha ta' Marzu 2015, b'mod unanimu minn dawk prezenti. In oltre, ssostni x-xhud, kulhadd kien jaf bis-sitwazzjoni ta' nuqqas ta' *staff*[10].

In kontro-ezami din ix-xhud twiegeb, ghad-domanda minn fejn kienet tohrog mill-Ftehim Kollettiv li l-leave jinqaleb ghall-time-off, li hi ma kinitex intiza fuq il-ligi u li hi kienet iddiskutiet mas-Segretarju, Ms. Joan Mangion, u dan peress li din kienet intiza aktar minnha. Ix-xhud baqghet issostni li ma kinietx taf x'hemm fil-Ftehim Kollettiv, u li huwa s-Segretarju Ezekuttiv li ghandu x'jaqsam mal-ligi tal-Kunsilli Lokali. Ix-xhud tishaq li sakemm damet Sindku hi, l-Kunsill kien zarmat mill-impjegati, u li kieku ma kinietx tmur hi volontarjament il-Kunsill kien ikollu jaghlaq.

Fl-istess seduta xehdet Ms. Joan Mangion, li kienet tokkupa l-kariga ta' Agent Segretarju Ezekuttiv fi zmien in dizamina. Din ix-xhud tghid li meta hi kienet bdiet mall-Kunsill intimat fis-sena 2015, ir-rikorrenti kienet l-unika skrivana li kien hemm fil-Kunsill. Ix-xhud tghid li l-ligi hija cara u li Kunsill

[8] Xiehda tar-rikorrenti Katia Fenech, seduta tal-24 ta' April 2018, pagna 2 tat-traskrizzjoni.
[9] Ibid, xiehda ta' Venera Micallef, pagna 3 tat-traskrizzjoni.
[10] Ibid, pagna 4 tat-traskrizzjoni.

Lokali ghandu jkun miftuh mit-Tnejn sas-Sibt, u dan peress li hu ufficcju pubbliku. Ix-xhud tispjega dak li hu amministrattiv u dak li hu politiku, dawk li jkunu eletti. L-amministrattiv dejjem irird ikun prezenti dejjem, irid ikun hemm impjegati tieghek. In oltre, x-xhud tghid li l-Kunsill kellu *deficit*, u r-rikorrenti, sostniet ix-xhud, kienet qieghda tiffranka lill-Kunsill madwar ghaxart elef Ewro (€10,000) fis-sena, peress li r-rikorrenti kienet qieghda taghmel xoghol ta' zewg skrivani. Ix-xhud sahqet li r-rikorrenti kienet ukoll toqghod wara l-hin u qatt ma talbet xejn ta' dan.

Din ix-xhud kompliet tispjega fejn qalet li r-rikorrenti kellha diversi sighat ta' *leave* u li ma setghetx tutilizza. Ix-xhud tghid li kienet tkellmet ma' ufficjal tad-Dipartiment, Piju Farrugia, llum defunt, dwar is-sitwazzjoni tar-rikorrenti. In oltre, x-xhud tghid li s-segretarja kienet infurmataha li skont il-*Public Service Management Code* (PSMC) li l-*leave* jista' jsir *time-in-lieu* u jekk ma jkunx jista' jittiehed bhala leave tithallas tieghu. Ix-xhud tikkonferma ukoll li dan il-hlas kien approvat waqt il-laqgha li saret mill-istess Kunsill intimat[11].

Ix-xhud tirrrileva li l-Kunsill kellu *deficit* u li dan kien ta' madwar hamsin elf Ewro (€50,000), u li dan il-fattur ukoll kien jaghmilha difficli li timpjega skrivana ohra, u dan ghalkemm il-Kunsill intimat kellu nuqqas ta' *staff.* Ix-xhud sahqet li ghalkemm kien hemm din il-problema ta' nuqqas ta' *staff* hadd mid-Dipartiment ma kien se jghidlek sabiex izzid l-ispejjez jew jimponi fuqek biex izzid skrivana.

In kontro-ezami l-istess xhud wiegbet li hi kienet hemm (mall-Kunsill) ghal ftit gimghat u li qabel ma kinietx taf jekk kinietx saret xi talba ghal xi skrivana ohra, u li jekk kienet, l-iskrivana tkun fuq bazi *part-time*, u li xorta kienet tiswa spiza ta' €10,000 fis-sena.

Ix-xhud ghad-domanda dwar dak li jistipula artikolu 21 tal-Ftehim Kollettiv, ossia dwar li l-fatt li *leave* li ma jeccedix it-tmienja u erbghin (48) siegha jista' jiggedded, ix-xhud wiegbet li ghal kull ligi hemm eccezzjoni[12]. Ix-xhud sostniet li bhala amministratur ghandha sens ta' dover lejn l-impjegata u li din l-impjegata kienet ghamlet sagrificcji kbar fejn frankat flus lill-istess Kunsill intimat.

## Trattazzjoni Finali

It-trattazzjoni finali ta' din il-kwistjoni ta' xoghol saret fit-2 ta' Lulju 2019 fejn ir-rapprezentant legali tal-Kunsill intimat, l-avukat Dottor Dean Hili ghamel trattazzjoni orali. Mill-banda l-ohra r-rapprezentant legali tar-rikorrenti, Dottor Andrew Grima, ipprezenta Nota ta' Sottomissjonjiet fis-27 ta' Settembru 2019.

Ir-rapprezentant legali tal-Kunsill beda biex irrimarka li dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni hemm korrispondenza li giet esebita u tinsab fl-atti ta' din il-kwistjoni ta' xoghol. Dwar il-mertu issottometta li r-rikorrenti kellha tiehu l-flus tal-granet *leave* li hi ma kinitx hadet, u din kienet decizjoni tal-Kunsill waqt laqgha. It-tmexxija tal-Kunsill sussegwentement inbidlet u peress id-

[11] Xiehda ta' Joan Mangion seduta tal-24 ta' April 2018, pagna 8 tat-traskeizzjoni.
[12] Ibid, pagna 10 tat-traskrizzjoni.

decizjoni li ha l-Kunsill precedenti ma kinietx in linea ma' dak li titlob il-ligi u kif ukoll il-Ftehim Kollettiv. Il-Ftehim Kollettiv, sostna Dottor Hili, kien car dwar il-mod kif kellu jigi mgedded il-*leave*, fejn irid ikun hemm decizjoni tal-Kunsill u dan b'konsultazzjoni mad-Direttur tad-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, u li dan il-leave ma ghandux jeccedi it-tmienja u erbghin (48) siegha.

Fit-trattazzjoni tieghu r-rapprezentant legali tal-Kunsill intimat irrimarka li ghalkemm kien hemm rapport tal-Awditur Generali li kien jghid li l-hlas ghandu jsir, dan ir-rapport ma jidholx fi kwistjonjiet dwar il-legalita` tad-decizjoni li ttiehdet jew le. Ghal din ir-raguni sostna r-rapprezentant legali tal-Kunsill intimat dawn it-talbiet ghandhom jigu michuda[13].

Fin-Nota ta' Sottomissjonjiet ghar-rikorrenti, l-Akuvat Andrew Grima beda biex irrimarka li l-Kunsill u li hu l-principal (*employer*) u rrispettivament min kien qieghed imexxi u kif ukoll x'jistipulaw kemm Kap 363 u kif ukoll il-Ftehim Kollettiv, ghandu joqghod ghad-disposizzjonijiet tal-Kap 452. L-ebda ligi ma tezenta lill-Kunsill intimat mill-obbligi tieghu ta' principal.

Dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, gie sottomess li din ma tregix u dan peress li l-principju civili ta' preskrizzjoni fil-ligi ma jezistix fil-ligi pertinenti. L-artikolu 30 (1) ta' Kap 452 jitkellem dwar terminu ta' dekandenza u mhux terminu ta' preskrizzjoni. Id-difensur tar-rikorrenti ssottometta li l-intenzjoni tal-legislatur kienet li kull vjolazzjoni ta' drittijiet jigu nvestigati immedjatament u dan minghajr ma jghaddi z-zmien qabel tali ksur jigi rimedjat[14].

Fin-Nota taghha r-rikorrenti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell fl-ismijiet "*Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services Limited*", moghtija fit-28 ta' Jannar 2008, mill-Onorevoli Mhallef Philip Sciberras[15]. F'din id-decizjoni l-Onorabbli Qorti tal-Appell laqghet dan l-appell, u dan wara li t-Tribunal kien laqa' l-eccezzjoni preliminari wara li l-appellant kien intavola proceduri dwar allegat ksur tal-artikolu 27 tal-Kap 452, wara l-perjodu ta' erba' xhur. Hawnhekk il-Qorti tal-Appell ghamlet distinzjoni dwar dak li hemm stipulat fl-artikolu 75 ta' Kap 452, li jitratta tkeccija ngusta u artikolu 30 (1) fejn il-perjodu utili f'kaz ta' ksur tal-kundizzjonjiet ta' mpieg hu dak ta' erba' mix-xhur mill-ksur allegat. F'din id-decizjoni ssir referenza ghal "*a continuing act*" u dan peress li kien perkoribbli matul id-durata tal-impieg.

Ir-rapprezentant legali tar-rikorrent jsostni fin-nota ta' sottomissjonijiet li fil-kwistjoni odjerna ta' xoghol r-rikorrenti baqghet tinghata nformazzjoni kontradittorja dwar dak li wieghed lir-rikorrenti fil-laqgha tas-27 ta' Marzu 2015. Kien ghalhekk li r-rikorrenti ma pproponietx l-azzjoni taghha u dan ma sarx b'xi kapricc jew *lapsus* u dan ghax kien gie risolut fl-imsemmija laqgha li minhabba n-nuqqas ta' *staff* il-*leave* li r-rikorrenti ma kienitx hadet, u dan minhabba l-esigenzi tal-Kunsill, jigi akkumulat f'*time-in lieu*[16].

---

[13] Trattazzjoni tal-Kunsill intimat minn Dottor Dean Hili, pagna 2 tat-traskrizzjoni.

[14] Nota ta' Sottomissjoniet tar-rikorrenti, pagna 2.

[15] Qorti tal-Appell, Onorevoli Mhallef Philip Sciberras, Seduta tat-28 ta' Jannar 2008, Appell Civili Nru: 21/2007, fl-ismijiet Grezzju Azzopardi vs Public Broadcasting Services.

[16] Ibid pagna 3.

Fl-istess Nota ta' Sottomissjonjiet r-rikorrent tissottometti li meta kienet rinfaccata b'din id-decizjoni li kienet hekk cara u inekwivoka dwar il-bilanc tal-*leave* mhux utilizzat l-istess rikorrent kellha aspettattiva legittima li kienet se tithallas tieghu. Ir-rikorrenti intavolat il-proceduri meta kellha r-rifjut finali da parti tal-Kunsill intimat.

Dwar dak li ssottometta l-Kunsill intimat dwar il-bidla fit-tmexxija tal-Kunsill intimat, u li bhal donnu li l-Kunsill intimat jrid li jigi ezentat mir-responsabbilijatijeiet tieghu, r-rapprezentant legali tar-rikorrenti jirrileva fin-Nota ta' Sottomissjonjiet li din hija hrafa. Il-Kunsill hu l-principal (*employer*) u li dak li qieghed jillanja fuqu jikkoncerna kwistjonjiet amministrattivi u mhux dawk ta' mpieg.

In oltre, dwar dak li sostna l-Kunsill intimat li dak li sar ma sarx skont il-ftehim kollettiv, u dan ghax ma saritx konsultazzjoni mad-Direttur tal-Gvern Lokali, gie sottomess li fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali li jekk principal jiehu decizjoni li tkun aktar favorevoli ghall-impjegat u tmur lil hinn minn dak stipulat fil-Ftehim Kollettiv, ghandha tipprevali dik id-decizjoni favorevoli ghall-impjegat. Ir-rikorrenti tishaq li mhux gust li l-Kunsill jinqeda b'difiza li bhala principal ma tirrispettax lill-impjegata li ghamlet sentejn ma tiehux *leave*. In oltre, sostna r-rapprezentant tar-rikorrenti, li hu nkoncepibbli li l-Kunsill qieghed jistieden lit-Tribunal li jiskarta r-rapport tal-Awditur Generali[17].

In-Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti taghlaq billi qieghda titlob lit-Tribunal sabiex jilqa' t-talba taghha u jaghti rimedju lilha. In oltre, titlob ukoll li konsegwentement jordna dawk il-mizuri kollha mehtiega nkluz l-imposizzjonijiet ta' kumpens xieraq u adegwat skont il-ligi.

**Konsiderazzjoniet tat-Tribunal Industrijali**

Illi l-kwistjoni ta' xoghol in dezamina tittratta sitwazzjoni fejn ir-rikorrenti, Katia Fenech, li kienet impjegata mall-Kunsill Lokali ta' Had Dingli bhala skrivana, stante nuqqas ta' mpjegati fl-istess rwol taghha kienet prekluza milli tutilizza l-*vacation leave* taghha. Illi meta r-rikorrenti giet sabiex titlaq mill-imsemmi Kunsill hi kellha mija tlieta u erbghin (143) siegha leave li ma kinietx utilizzat. Ghal din ir-raguni r-rikorrenti talbet il-hlas ta' dawn ic-citati sighat.

Mill-banda l-ohra l-Kunsill intimat eccepixxa, in linea preliminari, l-preskrizzjoni ai termini ta' artikolu 30 tal-Kap 452. Illi ghalhekk dan it-Tribunal sejjer biex jibda jitratta din l-eccezzjoni sollevata mill-Kunsill intimat.

Illi minn dak li jirrizulta mill-provi l-Kunsill intimat fis-seduta tat-13 ta' Frar 2018 gew ipprezentati sitt dokumenti (Dok. 'SA1' sa Dok. 'SA6'). It-Tribunal dwar din l-eccezzjoni jaghmel referenza ghad-decizjoni moghtija mit-Tribunal Industrijali datata 12 ta' Jannar 2016, Decizjoni Numru,

[17] Nota ta' Sottomissjoniet tar-rikorrenti, pagna 3.

2424, moghtija mic-Chairperson Avv. Leslie Cuschieri, fl-ismijiet Av. Dr. Enrico Depasquale vs MSV Life plc[18].

Illi f'din id-decizjoni nsibu li:-

> "…..li l-gurisprudenza Maltija in rigward tghallimna li meta diskriminazzjoni tibqa' ghaddejja zmien twil, din tiehu xehta ta' reat kontinwat u l-azzjoni tkun tista' tibda sa erba' xhur minn meta tieqaf tali diskriminazzjoni."

Illi meta l-fattispeci ta' din il-kwistjoni ta' xoghol jigu pparagunati mall-kwistjoni odjerna nsibu similarita`. Fin-Nota ta' sottomissjoni tar-rikorrent, d-difensur tar-rikorrenti ukoll jaghmel referenza ghal decizjoni tal-Qorti tal-Appell li tqis "*Huwa sintomatiku f'materja ta' ksur bhal dan illi minn natura stess tieghu ma jistax jigi alleccjat ma' xi data effettiva in kwantu, jekk l-appellanti kif, kif allega, ikompli jissubixxi l-istess trattament differenzjali u jissokta jircievi rata ta' renumerazzjoni inferjuri ghal xoghol ta' valur ugwali, komparat ma' haddiema ohra fl-istess klassi, tali ksur ma jistax hlief jitqies wiehed li, kif kwalifikat mill-kazistika Ingliza citatata mill-appellanti, huwa 'a contiuning act' perkoribbli matul id-durata tal-impjieg*"[19].

L-awtur Norman Selwyn dwar din il-materja ta' preskrizzjoni jsostni: -

> 4.223 Conduct that extended over a period of time is to be treated as done at the end of that period, and failure to do a thing is to be treated as occurring when the person in question decided on it. Thus a claim based on a continuing discrimination may be brought up to three months[20] after the discrimination has ceased (Calder v James Finaly Corpn Ltd). But a distinction has to be made between an act of continuing discrimination and an act that has continuing consequences[21].

Illi l-agir tal-Kunsill intimat versu r-rikorrenti kien kontinwu u dan peress li r-rikorrenti damet sabiex kienet taf dwar id-decizjoni finali tal-istess Kunsill intimat.

Illi ghalhekk it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni tal-Kunsill intimat dwar il-preskrizzjoni.

Illi dwar il-mertu ta' din il-kwistjoni ta' xoghol dan it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti kemm damet impjegata mall-Kunsill intimat, stante li ma kienx hemm impjegati ohra fl-istess rwol taghha, ossia ta' skrivana, ma setghetx taghmel uzu mill-*vacation leave* li hu taghha bi dritt. Kif irrizulta mill-provi, r-rikorrenti ma kinitex tista` tiehu *leave* sabiex issiefer u dan peress li jekk r-rikorrenti ma kinietx tmur ghax-xoghol il-Kunsill kien ikollu jaghlaq. Impjegat ma jistax jigi mcahhad minn dritt sagrosant tieghu li hu l-*vacation leave*. It-Tribunal jirrimarka li r-rikorrenti kienet l-unika impjegata

---

[18] Av. Dr. Enrico Depasquale vs MSV Life plc, moghtija fit-12 ta' Jannar 2016, Decizjoni Nru:2424, Chairperson Dr. Leslie Cuschieri, Cert. Dip.Stud., LL.D.
[19] Nota ta' sottomissjoniet tar-rikorrenti, pagna 2.
[20] Il-perjodu ta' tlett xhur hu skont il-ligi Ingliza (Employment Relations Act).
[21] Selwyn's Law of Employment 21st Edition – Astra Emir, Oxford University Press (2020) – p. 153.

klerikali tal-Kunsill intimat u mill-provi rrizulta li kien bis-sahha tar-rikorrenti li l-Kunsill intimat kien baqa' jopera amminstrattivament u baqa' jservi lir-residenti tal-lokal.

Mix-xiehda ta' Venera Micallef u Joan Mangion irrizulta li l-Kunsill kellu deficit ta' madwar €50,000, u li r-rikorrenti kienet sahansitra tibqa' wara l-hin volontarjament. Ir-rikorrent kienet ghamlet sagrificcji kbar billi ccahdet mill-*leave* taghha stess sabiex isservi llill-Kunsill intimat, u permezz ta' hekk il-Kunsill stess kien iffranka flejjes kbar.

Illi ghalhekk dan it-Tribunal ihoss li ssir ingustizzja doppja mar-rikorrenti jekk jichad it-talba taghha. In oltre, l-istess rikorrenti ma ghandiex tbati hi minhabba n-nuqassijiet tal-Kunsill intimat, fejn Kunsill ghandu obbligu li jara li l-amministrazzjoni tieghu tkun qieghda tiffunzjona b'mod tajjeb. Kull Kunsill Lokali ghandu l-obbligu ukoll li jara li d-drittijiet tal-impejgati tieghu jkunu mharsa u salvagwardjati. Ir-relazzjoni bejn ir-rikorrenti u l-Kunsill intimat dejjem kienet ta' principal u mpjegat u dan nonostante li sar bdil kemm fis-Sindku u kemm fil-Kunsilliera. Dejjem jibqa' l-fatt li r-rikorrenti kienet impjegata mall-Kunsill, liema Kunsill naqas bil-kbir mar-rikorrenti wara li din kienet impjegata ideali u ghamlet sagrificcji personali billi ccahdet mil-*leave* taghha.

## Kumpens

Illi ghar-ragunjiet sopracitati t-Tribunal jordna lill-Kunsill Lokali ta' Had Dingli sabiex ihallas, fi zmien xahar mid-data ta' din id-decizjoni, lir-rikorrenti, Katia Fenech, l-ammont fi flus ekwivalenti ghal mija tlieta u erbghin (143) siegha ta' *vacation leave* li l-istess rikorrenti ma setghetx tutilizza minhabba nuqassijiet tal-Kunsill Lokali ta' Had Dingli.

Ghall-finijiet ta' Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal qieghed jistabilixxi d-drittijiet tar-rapprezentanti legali tal-partijiet fl-ammont ta' €93.17c ghal kull rapprezentant legali.

Ghalhekk tintemm din il-kwistjoni ta' xoghol.

**(Iffirmat)**
Dr Geoffrey Vella
Chairman

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**